

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Ismael Fernández Oliva

Konvenut: Caixabank S.A.

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 43 tal-Liġi Spanjola dwar il-proċedura ċivili, li jipprekludi lil qorti milli tipproponi lill-partijiet sospensjoni eventwali tal-proċeduri ċivili meta qorti jew tribunal ieħor ikun ressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jikkostitwixxi limitazzjoni ċara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13/KEE<sup>(1)</sup>, fir-rigward tad-dmir tal-Istati Membri li jiżguraw li, fl-interess tal-konsumaturi u tal-kompetituri, jkunu jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jieqaf l-użu ta' klawżoli iġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri?
- 2) L-Artikolu 721.2 tal-Liġi Spanjola dwar il-proċedura ċivili, li jipprekludi lil qorti milli tadotta jew tipproponi *ex officio* l-adozzjoni ta' miżuri kawtelatorji fi proċeduri individwali li fihom ikun qed jintalab l-annullament ta' kundizzjoni ġenerali minħabba li din hija iġusta, jikkostitwixxi limitazzjoni ċara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13/KEE, fir-rigward tad-dmir tal-Istati Membri li jiżguraw li, fl-interess tal-konsumaturi u tal-kompetituri, jkunu jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jieqaf l-użu ta' klawżoli iġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri?
- 3) L-effetti tal-miżuri kawtelatorji li jistgħu jiġu adottati, kemm jekk *ex officio* kemm jekk fuq talba tal-partijiet, fil-kuntest ta' proċedura li tinvolvi azzjoni individwali, għandhom jiġu estiżi sa ma tingħata deċiżjoni definittiva fil-proċedura individwali, jew inkella fi proċedura kollettiva li taffettwa l-eżerċizzju tal-azzjonijiet individwali, bil-għan li jiġu żgurati l-mezzi adegwati u effettivi previsti fl-imsemmi Artikolu 7 tal-imsemmija Direttiva?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli iġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288)

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Mercantil n° 3 de Barcelona (Spanja) fid-9 ta' Diċembru 2014 – Jordi Carné Hidalgo u Anna Aracil Gracia vs Catalunya Banc, S.A.**

(Kawża C-569/14)

(2015/C 046/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado Mercantil n° 3 de Barcelona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Jordi Carné Hidalgo u Anna Aracil Gracia

Konvenut: Catalunya Banc, S.A.

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 43 tal-Liġi Spanjola dwar il-proċedura ċivili, li jipprekludi lil qorti milli tipproponi lill-partijiet sospensjoni eventwali tal-proċeduri ċivili meta qorti jew tribunal ieħor ikun ressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jikkostitwixxi limitazzjoni ċara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13/KEE<sup>(1)</sup>, fir-rigward tad-dmir tal-Istati Membri li jiżguraw li, fl-interess tal-konsumaturi u tal-kompetituri, jkunu jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jieqaf l-użu ta' klawżoli iġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri?
- 2) L-Artikolu 721.2 tal-Liġi Spanjola dwar il-proċedura ċivili, li jipprekludi lil qorti milli tadotta jew tipproponi *ex officio* l-adozzjoni ta' miżuri kawtelatorji fi proċeduri individwali li fihom ikun qed jintalab l-annullament ta' kundizzjoni ġenerali minħabba li din hija iġusta, jikkostitwixxi limitazzjoni ċara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13/KEE, fir-rigward tad-dmir tal-Istati Membri li jiżguraw li, fl-interess tal-konsumaturi u tal-kompetituri, jkunu jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jieqaf l-użu ta' klawżoli iġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri?

- 3) L-effetti tal-miżuri kawtelatorji li jistgħu jiġu adottati, kemm jekk *ex officio* kemm jekk fuq talba tal-partijiet, fil-kuntest ta' proċedura li tinvolvi azzjoni individwali, għandhom jiġu estiżi sa ma tingħata deċiżjoni definittiva fil-proċedura individwali, jew inkella fi proċedura kollettiva li taffettwa l-eżerċizzju tal-azzjonijiet individwali, bil-għan li jiġu żgurati l-mezzi adegwati u effettivi previsti fl-imsemmi Artikolu 7 tal-imsemmija Direttiva?

(<sup>1</sup>) Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Mercantil N° 3 de Barcelona (Spanja) fid-9 ta' Diċembru 2014 – Nuria Robirosa Carrera u César Romera Navales vs Banco Popular Español, S. A.**

(Kawża C-570/14)

(2015/C 046/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado Mercantil de Barcelona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Nuria Robirosa Carrera u César Romera Navales

Konvenut: Banco Popular Español, S.A.

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 43 tal-Liġi Spanjola dwar il-proċedura ċivili, li jipprekludi lil qorti milli tipproponi lill-partijiet sospensjoni eventwali tal-proċeduri ċivili meta qorti jew tribunal ieħor ikun ressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jikkostitwixxi limitazzjoni ċara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13/KEE (<sup>1</sup>), fir-rigward tad-dmir tal-Istati Membri li jiżguraw li, fl-interess tal-konsumaturi u tal-kompetituri, jkunu jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jieqaf l-użu ta' klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri?
- 2) L-Artikolu 721.2 tal-Liġi Spanjola dwar il-proċedura ċivili, li jipprekludi lil qorti milli tadotta jew tipproponi *ex officio* l-adozzjoni ta' miżuri kawtelatorji fi proċeduri individwali li fihom ikun qed jintalab l-annullament ta' kundizzjoni ġenerali minħabba li din hija inġusta, jikkostitwixxi limitazzjoni ċara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13/KEE, fir-rigward tad-dmir tal-Istati Membri li jiżguraw li, fl-interess tal-konsumaturi u tal-kompetituri, jkunu jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jieqaf l-użu ta' klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri?
- 3) L-effetti tal-miżuri kawtelatorji li jistgħu jiġu adottati, kemm jekk *ex officio* kemm jekk fuq talba tal-partijiet, fil-kuntest ta' proċedura li tinvolvi azzjoni individwali, għandhom jiġu estiżi sa ma tingħata deċiżjoni definittiva fil-proċedura individwali, jew inkella fi proċedura kollettiva li taffettwa l-eżerċizzju tal-azzjonijiet individwali, bil-għan li jiġu żgurati l-mezzi adegwati u effettivi previsti fl-imsemmi Artikolu 7 tal-imsemmija Direttiva?

(<sup>1</sup>) Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Belġju) fil-11 ta' Diċembru 2014 – Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides vs Mostafa Lounani**

(Kawża C-573/14)

(2015/C 046/43)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État